MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-6 ta’ Ottubru, 2021

Appell Inferjuri Numru 49/2020/1 LM

**Steve Aquilina (K.I. 91187M)**
*(‘l-appellat’)*

***vs.***

**L-Awtorità tal-Artijiet**
*(‘l-appellanta’)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Awtorità tal-Artijiet**, hawnhekk ‘l-appellanta’, minn deċiżjoni tat-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’], tas-6 ta’ Jannar, 2021 [minn issa ’l quddiem ‘is-sentenza appellata’], li permezz tagħha t-Tribunal laqa’ l-appell tar-rikorrent **Steve Aquilina (K.I. 91187M)**, [minn issa ’l quddiem ‘l-appellat’], ċaħad l-

eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata, irrevoka d-deċiżjoni appellata kif kontenuta fl-ittra tat-12 ta' Ġunju, 2020, u ddeċieda li l-ispejjeż tal-kawża quddiem it-Tribunal għandhom jitħallsu mill-Awtorità intimata.

**Fatti**

2. Ir-rikorrent għamel applikazzjoni mal-Awtorità intimata bin-numru GLA 12B/2020/0263, li permezz tagħha talab, '*[c]hange of use from boathouse to class 4D Restaurant and placing tables and chairs and umbrellas, at Triq ix-Xatt Juan B. Azzopardi, Senglea'.* It-talba tar-rikorrent ġiet miċħuda mill-Awtorità intimata permezz ta' ittra tat-12 ta' Ġunju, 2020, fejn ir-rikorrent ġie nnotifikat li l-permess ma kienx qiegħed jingħata għaliex: (i) kien ser jiżdied ir-riskju għall-*pedestrians* u għall-klijenti f'każ ta' inċident tat-traffiku; (ii) kien ser jiżdied ir-riskju għall-viżibilità tas-sewwieqa; (iii) kienu ser jonqsu l-ispazji tal-parkeġġ; (iv) kienet ser tonqos is-sigurtà tal-*pedestrians* waqt li jkunu qegħdin jaqsmu l-bankina sabiex jagħtu servizz.

**Mertu**

3. Ir-rikorrent ressaq appell quddiem it-Tribunal wara li ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni tal-Awtorità intimata. Huwa spjega li ħassu aggravat għaliex l-Awtorità intimata kienet qiegħda taġixxi *ultra vires* il-poteri tagħha u daħlet fuq materji li soltu jiġu deċiżi mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll għaliex l-Awtorità intimata m'għandhiex il-*vires* tiddeċiedi materji mressqa quddiemha abbażi ta' kriterji li jmorru oltre l-kompetenza tagħha. Ir-rikorrent qal li fil-fehma tiegħu

din id-deċiżjoni hija nulla u bla effett għaliex tmur kontra l-liġi, u kontra kull dettam li bord ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju, għandu jsegwi fid-determinazzjoni ta' materji mressqa quddiemu, u dan għaliex din id-deċiżjoni hija difettuża fil-proċedura stante li nieqsa mill-firma tal-membri tal-Bord li ddeċidewha, apparti li ttieħdet fil-magħluq u mhux waqt seduta pubblika. Ir-rikorrent qal ukoll li d-deċiżjoni mogħtija fil-konfront tiegħu hija nieqsa minn kull motivazzjoni li tista' tgħinu jifhem kif u abbażi ta' liema *policies* u prinċipji ttieħdet din id-deċiżjoni. Qal ukoll li din id-deċiżjoni hija nulla stante li hija diskriminatorja fil-konfront tiegħu, in vista tal-fatt li fl-istess inħawi hemm numru ta' permessi li diġà ġew approvati. Ir-rikorrent qal ukoll li bil-permess mitlub minnu mhuwa ser jinħoloq l-ebda perikolu, u l-kwistjoni ta' parkeġġi ta' vetturi hija materja regolata permezz tal-*Policy Guidance and Standards for Outdooor Catering Areas on Public Open Spaces,* u t-talba tiegħu hija konformi mal-istess.

4. L-Awtorità intimata wieġbet li l-ittra tagħha kienet motivata, u fiha hija tat erba' raġunijiet ewlenin għalfejn hija rrifjutat il-permess mitlub. Qalet li skont l-artikolu 7(2) (ċ) tal-Kap. 563, hija responsabbli sabiex tamministra bl-aktar mod assolut ħalli jsir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika, u għalhekk hija għandha l-jedd u d-dmir legali li tagħmel u li tieħu l-konsiderazzjonijiet kollha sabiex tamministra bl-aħjar mod dan is-sit partikolari, li fl-aħħar mill-aħħar huwa art tal-Gvern ta' Malta. Qalet li d-deċiżjoni tagħha ttieħdet speċifikament fil-parametri tal-artikolu 31(g) tal-Kap. 573, li jagħti l-jedd lill-Awtorità kompetenti tħalli persuna tokkupa art tal-Gvern. Qalet li għalhekk mhux minnu li hija aġixxiet *ultra vires* u kemm id-

deċiżjoni tagħha, kif ukoll ir-raġunijiet wara dik id-deċiżjoni, jaqgħu fl-ambitu tar-rwol tagħha, kif mogħti lilha bil-Kap. 563 u Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet li anki jekk ir-raġunijiet attribwiti jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll minn awtoritajiet oħra, xorta waħda dan qatt ma jista' jeskludi l-awtorità tagħha, jiġifieri li taċċerta li din l-art tiġi amministrata bl-aħjar mod. Qalet li għalhekk il-kriterji li abbażi tagħhom ittieħdet din id-deċiżjoni, jaqgħu fil-kompetenza tagħha. L-Awtorità intimata żiedet tgħid li mhux minnu li d-deċiżjoni tagħha hija nulla, u dan għaliex id-deċiżjoni meħuda minnha hija ta' natura amministrattiva u mhux ta' natura ġudizzjarja jew kważi-ġudizzjarja, u huwa għalhekk li l-leġislatur ikkostitwixxa dan it-Tribunal sabiex wieħed ikun jista' jikkontesta deċiżjonijiet amministrattivi. L-Awtorità intimata kompliet tgħid li in linea mad-definizzjoni ta' 'awtorità', skont l-artikolu 2 tal-Kap. 563, l-Awtorità tinkludi l-persuni li jaġixxu f'isimha, u d-deċiżjoni inkwistjoni ġiet iffirmata minn rappreżentant tal-Awtorità kif awtorizzat. Qalet li għalhekk id-deċiżjoni mibgħuta lir-rikorrent tissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-liġi. L-Awtorità intimata kompliet tgħid li r-raġunijiet mogħtija minnha huma motivati biżżejjed sabiex anki jwasslu lir-rikorrent jifhem il-prinċipji u l-motivazzjoni wara din id-deċiżjoni, kif jirriżulta mill-fatt li l-appellant kellu biżżejjed informazzjoni biex jintavola l-appell odjern. L-Awtorità appellata qalet ukoll li mhuwiex kompitu tat-Tribunal li jiddeċiedi jekk id-deċiżjoni tagħha kinitx diskriminatorja jew le, u d-deċiżjoni tagħha ttieħdet skont il-prinċipji tar-raġonevolezza. L-Awtorità intimata kkonkludiet billi qalet li d-deċiżjoni tagħha ma tistax titqies bħala waħda illeġittima u irraġonevoli għax ir-raġuni mogħtija minnha ma togħġobx lill-parti l-oħra, stante li d-deċiżjoni tagħha ttieħdet wara li kkunsidrat is-sitwazzjoni odjerna fit-totalità tagħha.

5. Ix-xhud **Antonia Farrugia** *case officer* mal-Awtorità intimata, spjegat fix-xhieda tagħha quddiem it-Tribunal, li l-applikazzjoni tar-rikorrent ġiet rifjutata kemm mill-Awtorità tal-Artijiet kif ukoll minn Transport Malta, għaliex ġie kkonsidrat li b'dak propost ser jinħoloq riskju għall-*pedestrians* u għall-klijenti f'każ ta' inċident tat-traffiku. Ix-xhud qalet li r-rikorrent kien għamel żewġ proposti – dik li jpoġġi mwejjed u siġġijiet f'sit man-naħa tal-baħar, kif ukoll li jpoġġi mwejjed u siġġijiet f'sit man-naħa tal-ħanut. Ix-xhud ippreżentat pjanta tal-*encroachments* kollha li l-Awtorità intimata tat fl-inħawi, u qalet li ħafna minnhom ilhom diversi snin li ngħataw. Ix-xhud spjegat li fi żmien riċenti, talbiet biex jingħataw *encroachments* bdew jiġu assessjati wara li ssir konsultazzjoni ma' Transport Malta, u anki fejn tkun ser tingħata l-*clearance* tal-Awtorità tal-Artijiet, xorta waħda l-ewwel jinġieb il-permess ta' Transport Malta. Ix-xhud qalet li hija kienet irrakkomandat li l-applikazzjoni tar-rikorrent tiġi aċċettata, qabel il-*file* tiegħu mar quddiem il-Bord tal-Gvernaturi. Qalet ukoll li sa fejn taf hi, ir-rikorrent m'applikax biex jokkupa spazju ta' parkeġġ. Ix-xhud qalet li jkun hemm drabi fejn l-Awtorità tal-Artijiet ma taqbilx mar-rakkomandazzjoni li ssir minn Transport Malta, iżda f'dan il-każ l-Awtorità qablet mar-rakkomandazzjoni ta' Transport Malta. F'udjenza sussegwenti, l-istess xhud ippreżentat għadd ta' dokumenti li juru li f'ċerti inħawi ngħataw *encroachment permits* għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet fuq ix-xtut.

6. Ġew esebiti għadd ta' dokumenti, inkluż pjanti tas-sit u ritratti li juru mwejjed u siġġijiet ta' stabbilimenti oħra fl-istess inħawi li applika dwarhom ir-rikorrent.

7. **Martin Bajada**, *Chief Officer Enforcement & Compliance* mal-Awtorità intimata xehed li ħafna drabi fejn ikun hemm illegalitajiet, tkun l-Awtorità tal-Ippjanar li toħroġ *enforcement notice* li tiġi notifikata lill-Awtorità tal-Artijiet. Ix-xhud qal li min-naħa tiegħu huwa jieħu passi mill-ewwel għaliex hemm multi li jitilgħu għal mijiet ta' Euro għal kull jum ta' nuqqas. Ix-xhud qal li t-taqsima tal-infurzar ma tiġix ikkonsultata meta ssir talba biex persuna tingħata *encroachment,* u l-Awtorità m'għandhiex riżorsi biex tissorvelja kull *encroachment* li jinħareġ sabiex tassigura li l-applikant qiegħed jimxi mal-permess.

8. Ix-xhud **Michael Cohen** in rappreżentanza tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, xehed li l-Awtorità tal-Artijiet tibgħat kopji tal-applikazzjonijiet li jidħlulha, bis-*site plans* u bid-dettalji tal-applikazzjoni, u jekk jiġi stabbilit li s-sigurtà fit-triq ser tiġi mħarsa, tingħata n-*no objection* ta' Transport Malta, għaliex il-permess finali ma jingħatax minn Transport Malta. Qal li fejn jiġi stabbilit li ser ikun hemm problemi, issir oġġezzjoni minn Transport Malta, u wara jsiru taħdidiet, xi drabi anki mal-applikant innifsu. Ix-xhud qal li normalment l-applikazzjonijiet li jiġu rifjutati huma dawk fejn jiġi stabbilit li m'hemmx mezz biex it-triq tinqasam b'mod sigur. Ix-xhud spjega li meta l-applikant ma jaċċettax il-pożizzjoni ta' Transport Malta, huwa jintalab jippreżenta pjanti ġodda jew jitlob laqgħa mar-rappreżentanti tal-Awtorità sabiex issir diskussjoni dwar jekk hemmx mod kif il-permess joħroġ mingħajr ma jkun hemm problemi ta' sigurtà fit-triq. F'udjenza sussegwenti, ix-xhud spjega li r-rifjut min-naħa ta' Transport Malta ħareġ wara li ġie stabbilit li ser ikun hemm nuqqas ta' sigurtà għal min irid jagħmel użu mit-triq, u nuqqas ta' spazji ta'

parkeġġ. Qal li meta jkun hemm kwistjonijiet ta' *lack of pedestrian safety,* speċjalment meta wieħed jiġi biex jaqsam it-triq, il-klawsola dwar in-nuqqas ta' sigurtà tiddaħħal dejjem. Ix-xhud qal li l-applikazzjoni saret kemm għar-rigward tas-sit li jmiss mal-bankina kif ukoll għar-rigward tas-sit li jmiss max-xatt, u qal li jkunu istanzi bħal dawn fejn l-applikant jiġi ggwidat jaqsam l-applikazzjoni tiegħu fi tnejn, għaliex il-permess ikun jista' jingħata fuq parti mis-sit u mhux ukoll fuq il-parti l-oħra.

## Is-Sentenza Appellata

11. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-6 ta' Jannar, 2021, it-Tribunal laqa' l-appell tar-rikorrenti u ċaħad l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata, b'dan illi rrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata kif kontenuta fl-ittra tat-12 ta' Ġunju, 2020, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Ikkunsidra***
>
> *Illi permezz tal-**<u>ewwel u t-tieni aggravju</u>** tiegħu r-rikorrent isostni li l-Awtorità intimata aġixxiet* ultra vires *il-poteri tagħha stante li r-raġunijiet mogħtija fid-deċiżjoni appellata huma materji li jiġu deċiżi fil-proċess tal-Ippjanar minn Awtoritajiet oħra.*
>
> *Illi ai termini tal-artikolu 7 (ċ) tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar l-Awtorità Tal-Artijiet), l-istess Awtorità għandha l-funzjoni li "***tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta** u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika bħall-perimetru tal-kosta, ix-xtut, portijiet, mollijiet, puntuni, portbeaches, postijiet ta' nżul, irmiġġi, kanali, akwadotti, lagi, spieri naturali, irdum, widien, pjazez pubbliċi, toroq, sqaqien, korsiji, rotot ta' aċċess għall-postijiet pubbliċi oħra inkluż dawk li jwasslu għall-perimetru tal-kosta, boskijiet, parki, żoni ta' importanza ekoloġika jew ambjentali u s-siti ta' importanza kulturali, soċjali, jew storiċi." *Kwindi, fil-fehma tat-Tribunal, għandha* vires *li tara li l-art amministrata minnha ma tikkrejax perikolu bl-użu li jsir minnha u wkoll li l-istess art isir l-aħjar użu minnha. Filwaqt li jista' jkun hemm Awtoritajiet oħra li jkollha kompetenzi parallelli, dan*

*ma jfissirx illi l-Awtorità intimata għandha tabdika mir-responsabbilità imposta fuqha mil-Liġi u tħalli d-deċiżjoni li jispetta lilha għal xi Awtorità oħra. Kwindi l-ewwel u t-tieni aggravji qegħdin jiġu miċħuda.*

*Illi permezz* ***tat-tielet aggravju*** *r-rikorrent jisħaq illi d-deċiżjoni appellata hija nulla u bla effett stante li tmur kontra l-Liġi u kontra kull dettam illi Bord ġudizzjarju, jew kważi-ġudizzjarju, għandu jsegwi fid-determinazzjoni ta' materja simili. Illi jibda biex jingħad illi l-Awtorità intimata la hi Bord ġudizzjarju u lanqas kważi-ġudizzjarju. L-Awtorità intimata hija l-korp regolatorju li jamministra l-art pubblika. Il-forum ġudizzjarju li mbagħad wieħed jista' jirrikorri għalih jekk iħossu aggravat minn xi att amministrattiv ta' tali korp regolatorju huwa proprju dan it-Tribunal jew il-qrati ordinarji.*

*Illi r-rikorrent jisħaq ukoll illi d-deċiżjoni appellata hija difettuża fil-proċedura stante li hi nieqsa mill-firma tal-membri tal-Bord li ddeċidewha, oltre l-fatt li ttieħdet fil-magħluq u mhux f'seduta pubblika. Illi jibda biex jingħad illi d-deċiżjoni appellata esebita a fol. 39 tal-proċess hija ffirmata minn Antonia Farrugia, liema persuna xehdet f'dawn il-proċeduri, u spjegat illi kien Kumitat fi ħdan l-Awtorità intimata li ħa d-deċiżjoni appellata. Illi però, it-Tribunal josserva illi ai termini tal-Artikolu 8 (1) tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta* "ix-xogħol imwettaq mill-Awtorità għandu jkun ir-responsabbiltà tal-Bord iżda ħlief kif hawn aktar qabel imsemmi, it-tmexxija eżekuttiva tal-Awtorità, l-amministrazzjoni tagħha u l-organizzazzjoni u l-kontroll amministrattiv tad-Direttorati, Unitajiet, Diviżjonijiet u Sezzjonijiet u tal-uffiċjali u l-impjegati, għandha tkun ir-responsabbiltà tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, li jkollu wkoll dawk is-setgħat kollha li minn żmien għal żmien jiġu delegati lilu mill-Ministru."

*Illi t-Tribunal josserva illi dan l-aggravju ma ġie bl-ebda mod difiż mill-Awtorità intimata. Mill-provi mressqa ma jirriżultax illi l-Bord jew il-Ministru responsabbli taw xi delega lil dan il-Kumitat biex jiddeċiedi l-applikazzjoni in kwistjoni. Kwindi, fin-nuqqas ta' tali prova, it-Tribunal iqis illi r-rikorrent għandu raġun jirrileva illi d-deċiżjoni appellata hija proċeduralment difettuża. Madankollu ma jaqbilx mal-aggravju illi l-istess deċiżjoni hija difettuża għaliex ma ttiħditx f'seduta pubblika. It-Tribunal jerġa' jirribadixxi illi hawnhekk si tratta ta' deċiżjoni amministrattiva u mhux deċiżjoni ġudizzjarja jew kważi-ġudizzjarja.*

*Illi permezz* ***tar-raba' aggravju*** *r-rikorrent jisħaq illi d-deċiżjoni appellata hija nieqsa minn kull motivazzjoni li twasslu biex jifhem a bażi ta' liema* policies *u prinċipji ttieħdet. Illi t-Tribunal ma jqisx li dan huwa l-każ għalkemm xorta, kif se jingħad hawn taħt, hija monka minn xi aspetti. Illi dan it-Tribunal se jittratta dan l-aggravju, flimkien* ***mas-sitt aggravju****, u ċioé li dak mitlub mir-rikorrent m'hu se jikkreja l-ebda perikolu, hawn taħt.*

*Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi din l-applikazzjoni ġiet assessjata bħala talba waħda minkejja li r-rikorrenti kien qiegħed jitlob* encroachment *fuq żewġ siti differenti, għalkemm faċċata ta' xulxin, fl-istess triq.*

*Illi kif spjega* ***Michael Cohen*** *jista' jagħti l-każ illi r-rakkomandazzjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta kienet tkun differenti kieku ż-żewġ siti ġew assessjati fuq il-mertu tagħhom u dana għaliex sit minnhom huwa fuq il-bankina eżatt kif toħroġ mill-istabbiliment in kwistjoni, filwaqt li s-sit l-ieħor qiegħed fuq ix-xaqliba l-oħra tat-triq man-naħa tal-baħar.*

*Illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-permess fuq in-naħa tax-xatt, ir-rikorrent saħaq illi l-Awtorità intimata ma ħaditx in konsiderazzjoni illi hemm* pedestrian crossing *viċin il-fond in kwistjoni. Mill-applikazzjoni sottomessa lill-Awtorità intimata ma jirriżultax illi r-rikorrenti indika li hemm xi* pedestrian crossing *fil-viċin u dan kif jirriżulta minn fol. 42 sa fol. 44 tal-proċess. Minn ritratt esebit a fol. 57 mir-rikorrent però jirriżulta illi tul il-medda tax-xatt hemm* pedestrian crossing *però meta dan ir-ritratt jitqabbel mar-ritratt a fol. 48, liema ritratt juri l-fond tar-rikorrent delinejat bl-aħmar, jirriżulta illi l-istess* pedestrian crossing *mhix eżattament faċċata tal-istess fond, iżda numru ta' metri 'l bogħod. Illi dan it-Tribunal ma jqisx illi jekk ir-rikorrent jingħata permess biex jaqdi l-klijenti faċċata tal-ħanut tiegħu, l-istaff tiegħu se joqħod jimxi sal-*pedestrian crossing*, jerġa' lura fid-direzzjoni opposta, u finalment iservi l-klijenti. Dak li probabilment isir huwa li l-staff jaqsam mill-iktar punt viċin u kwindi mhux minn fuq il-*pedestrian crossing. *Illi kwindi, għal dak li għandu x'jaqsam mat-talba għal* encroachment *fuq in-naħa tax-xatt, l-Awtorità intimata kellha raġun tgħid li hemm riskju kbir għal kull min, klijenti u staff, ikun qiegħed jaqsam it-triq, u kwindi l-ewwel, it-tieni u r-raba' raġuni għar-rifjut huma ġustifikati. Li ma hux ġustifikat hija t-tielet raġuni, u ċioé, illi se jintilfu l-postijiet ta' parkeġġ. L-applikazzjoni tar-rikorrenti bl-ebda mod m'hu se ttellef xi post ta' parkeġġ, u kwindi din ir-raġuni mhix ġustifikata.*

*Illi għal dak li jirrigwarda t-talba tar-rikorrenti sabiex ipoġġi mwejjed u siġġijiet fuq il-bankina tan-naħa tal-ħanut tiegħu, it-Tribunal isib li l-ewwel raġuni biss tad-deċiżjoni hija ġustifikata u dan għaliex jekk ikun hemm inċident tat-traffiku, kif anke kien hemm riċentement ġewwa Tas-Sliema, se jinħoloq perikolu għall-klijenti li jkunu qegħdin jiġu servuti fuq il-bankina. Madankollu la t-tieni, la t-tielet u lanqas ir-raba' raġuni tar-rifjut ma jagħmlu sens għat-talba tal-*encroachment *fuq il-bankina hekk kif wieħed joħroġ mill-fond in kwistjoni.*

*Illi għalhekk jirriżulta illi l-Awtorità intimata ma għarfitx taqsam it-talba tar-rikorrenti fi tnejn biex tqis kull sit fuq il-mertu tiegħu. Illi jirriżulta li l-Awtorità intimata imxiet b'għajnejha magħluqa fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta li*

*min-naħa tagħha wkoll qieset it-talba tar-rikorrenti bħala waħda. Iżda huwa pjuttost ċar illi għalkemm l-applikazzjoni hija waħda, ir-raġunijiet mogħtija mhux kollha japplikaw għaż-żewġ siti bl-istess mod. Pereżempju għas-sit fuq il-bankina ħdejn il-ħanut żgur mhu se jinħoloq l-ebda perikolu biex wieħed jaqsam it-triq biex iservi l-klijenti. Huwa evidenti wkoll illi b'dak propost mir-rikorrent fuq iż-żewġ siti mhu se jintilfu l-ebda* parking spaces.

*Illi permezz* ***tal-ħames aggravju*** *ir-rikorrent jisħaq illi d-deċiżjoni appellata hija diskriminatorja u dan in vista ta' permessi simili già approvati. Illi dwar dan ir-rikorrenti ġab prova permezz ta' diversi permessi li l-Awtorità intimata għandha in vigore f'diversi lokalitajiet Maltin u Għawdin, fosthom fl-istess triq tal-istabbiliment tar-rikorrent. Illi minn dawn il-provi jirriżulta illi l-maġġoranza ta' permessi għal tpoġġija ta' mwejjed u siġġjiet bi triq bejn l-istabbiliment u s-sit fejn se tpoġġew l- istess imwejjed u siġġijiet, ngħataw qabel mal-Awtorità intimata bdiet tiffunzjona.*

*Illi t-Tribunal iqis li jekk ċerti* encroachments *li ngħataw fil-passat, mill-predeċessur tal-Awtorità intimata, m'għadhomx konformi ma'* policies *tal-preżent, allura tali* encroachments *għandhom jiġu riveduti. Dan l-Awtorità tista' tagħmlu għaliex in-natura ta' permess ta'* encroachment *hija waħda minnha nnifisha temporanja u tali permess jista' jiġi revokat fi kwalunkwe ħin mill-istess Awtorità. Illi għalhekk, anke jekk forsi hemm permessi simili għal dak mitlub mir-rikorrenti, il-fatt li l-Awtorità toħroġ rifjut għal talba simili ma jfissirx illi r-rikorrenti ġie diskriminat. Ifisser biss li l-Awtorità intimata trid tirregola ruħha fir-rigward ta' għadd ta' permessi li jiġġeddu minn sena għal sena.*

*Kwindi t-Tribunal huwa tal-fehma illi d-deċiżjoni appellata għandha tiġi annullata u deċiża mill-ġdid, b'dan illi ż-żewġ siti għandhom jitqiesu abbażi tal-mertu tagħhom u mhux meħudin flimkien stante li l-konfigurazzjoni tagħhom hija differenti minn xulxin.*

***DECIDE***

*Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi sa fejn kompatibbli ma' dak li ntqal hawn fuq, jilqa' l-appell tar-rikorrenti u jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata, b'dana illi qiegħed jirrevoka d-deċiżjoni appellata kif kontenut fl-ittra tat-12 ta' Ġunju, 2020 (Dok AF1 a fol. 39).*

*Bl-ispejjeż kontra l-Awtorità intimata.*

**L-Appell**

12. L-Awtorità appellanta ressqet l-appell tagħha minn din id-deċiżjoni fl-20 ta' Jannar, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

> *"... tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tas-6 ta' Jannar, 2021 fl-ismijiet suesposti, u dan filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorità esponenti hekk kif kontenuta fl-ittra tat-12 ta' Ġunju, 2020 (dok AF1 a fol. 39 tal-proċess quddiem l-Onorabbli Tribunal), bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi ġudizzjarji kontra l-appellat."*

13. L-Awtorità appellanta qalet li hija ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal għaliex dan għamel konsiderazzjonijiet li fil-fehma tagħha dan ma kellux jagħmel fir-rigward tat-tielet aggravju tar-rikors promutur, filwaqt li għamel osservazzjonijiet żbaljati dwar l-istess u għamel ukoll apprezzament żbaljat tal-fatti. L-Awtorità appellanta qalet li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza li min jallega jrid jipprova. Spjegat li fid-deċiżjoni tiegħu dwar it-tielet aggravju, it-Tribunal kien korrett meta qies li l-awtorità la hija bord ġudizzjarju u lanqas kważi-ġudizzjarju, iżda kompla josserva kif id-deċiżjoni kienet iffirmata minn Antonia Farrugia, li tokkupa l-kariga ta' *case officer* fi ħdan l-Awtorità appellanta. L-Awtorità appellanta żiedet tgħid li filwaqt li dan huwa kollu korrett, it-Tribunal għamel riferiment ukoll għall-artikolu 8(1) tal-Kap. 563, meta l-ebda parti fil-proċeduri m'għamlet riferiment għal dan l-artikolu. L-Awtorità appellanta qalet li kien ir-rikorrent appellat li kellu l-oneru li jipprova li d-deċiżjoni kienet proċeduralment żbaljata, u li tali prova baqgħet qatt ma nġabet mill-appellat. L-appellanta qalet li l-appellat kellu l-obbligu jipprova li d-deċiżjoni kienet proċeduralment ivvizzjata, iżda meta ġie biex jikkonsidra din l-allegazzjoni, it-Tribunal qal li l-Awtorità appellanta ma ppruvatx li teżisti delega

lill-kumitat. L-appellanta qalet li t-Tribunal kien inkorrett meta osserva li dan l-aggravju ma ġiex difiż minnha, għaliex hija ddefendiet il-pożizzjoni tagħha meta sostniet li ladarba d-deċiżjoni tal-Awtorità ġiet iffirmata minn persuna li taġixxi f'isimha, dan ifisser li dik id-deċiżjoni hija korretta u valida. L-Awtorità appellanta qalet li l-kwistjoni dwar jekk il-*case officer* jew il-kumitat konċernat kienx qiegħed jaġixxi f'isem l-Awtorità appellanta jew le, ma ġietx rilevata quddiem it-Tribunal, u għahekk ladarba dan id-dubju qatt ma tqajjem, dan ifisser li t-Tribunal għamel osservazzjoni li ma kellux jagħmel. L-Awtorità appellanta qalet li l-*case officer* spjegat ir-rapport u l-involviment tagħha f'din id-deċiżjoni, u ladarba dik id-deċiżjoni hija ffirmata minn uffiċjal tal-Awtorità kif trid il-liġi, dan ifisser li hija proċeduralment valida, kuntrarjament għall-konklużjonijiet li wasal għalihom it-Tribunal.

14. It-tieni aggravju tal-Awtorità appellanta huwa li ladarba l-appellat ressaq applikazzjoni waħda, hija kellha tagħti deċiżjoni waħda. Qalet li l-appellat applika biex jingħata permess ta' *encroachment,* u dan seta' japplika fuq kwalunkwe sit divers u mingħajr limitu, għaliex l-applikant huwa l-istess individwu. L-Awtorità appellanta qalet li ladarba saret applikazzjoni waħda, jiġifieri talba waħda, ma kien hemm l-ebda obbligu fuqha li taqsam l-applikazzjoni fi tnejn u tagħti żewġ deċiżjonijiet separati għal applikazzjoni waħda, għaliex l-appellat dejjem kellu l-għażla u l-possibilità li jintavola żewġ applikazzjonijiet separati għal siti differenti. L-Awtorità appellanta kompliet tgħid li minkejja li r-raġunijiet mogħtija fid-deċiżjoni tagħha ma japplikawx fit-totalità tagħhom għaż-żewġ siti inkwistjoni, xorta waħda tapplika tal-anqas raġuni waħda għal kull sit, u t-Tribunal sostna li t-tnejn kienu meritati,

partikolarment fir-rigward tal-*pedestrian crossing* u tal-*high risk for pedestrians and clients in the event of a traffic accident.* L-appellanta żiedet tgħid li minkejja li hija fdata bl-awtorità li tamministra l-art tal-Gvern ta' Malta, u għalhekk għandha tara li jsir l-aħjar użu minnha, hija ma kellha l-ebda raġuni għalfejn tiddubita mir-rakkomandazzjonijiet ta' Transport Malta, u għalhekk hija kienet raġonevoli meta segwiet u mxiet mal-imsemmija rakkomandazzjoni. L-appellanta qalet li għalhekk għandu jirriżulta illi anke li kieku minflok deċiżjoni waħda ngħataw żewġ deċiżjonijiet, id-deċiżjoni aħħarija ta' rifjut fuq iż-żewġ siti hija raġonevoli.

15. B'riferiment għat-tielet aggravju, l-appellanta qalet li in vista tal-partikolaritajiet tal-każ, inkluż il-fatt li ma ġiex ippruvat li d-deċiżjoni kienet waħda proċeduralment difettuża, kif ukoll in vista tal-fatt li l-applikant issottometta biss applikazzjoni waħda, hija ma tħossx li għandha tbati l-ispejjeż ġudizzjarji fit-totalità tagħhom, speċjalment meta jirriżulta li fuq iż-żewġ siti kien hemm raġunijiet validissimi għar-rifjut.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

16. Fir-risposta tiegħu, l-appellat qal li l-preġudizzju li qiegħda tilmenta minnu l-Awtorità appellanta huwa bil-wisq neboluż, u dan għaliex bid-deċiżjoni li ta t-Tribunal, l-unika ħaġa li għandha tagħmel l-appellanta huwa li terġa' tikkonsidra l-applikazzjoni u l-proposti tiegħu mill-ġdid. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-Awtorità appellanta, l-appellat jgħid li hawnhekk l-Awtorità appellanta qiegħda titlob li jsir riapprezzament tal-fatti. L-appellat għamel riferiment għax-

xhieda ta' Antonia Farrugia, fejn din spjegat li r-rakkomandazzjoni tagħha lill-Kumitat kienet li l-permess jinħareġ, iżda kien il-Kumitat li ma qabilx ma' din ir-rakkomandazzjoni. L-appellat qal li mix-xhieda ta' Antonia Farrugia rriżulta li din kienet il-*case officer* li rrakkomandat li l-applikazzjoni tiġi approvata, iżda din kellha idejha marbutin dwar x'setgħet tagħmel, għaliex l-applikazzjoni kellha tiġi approvata wkoll mill-Kumitat. Qal li wara li l-Kumitat ta d-deċiżjoni tiegħu, id-deċiżjoni tar-rifjut ġiet iffirmata mill-*case officer,* mingħajr ma sar l-ebda riferiment għall-membri tal-istess Kumitat. L-appellat qal li l-proċess tad-determinazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu kien jinkludi d-deliberazzjonijiet li saru mill-Kumitat, u għalhekk kien jispetta lit-Tribunal li jeżamina biss dan il-punt, għaliex it-Tribunal kien ikun ferm skorrett li kieku fil-konsiderazzjonijiet tiegħu waqaf biss sal-*case officer.* L-appellat qal li l-appellanta tgħid li fl-ebda waqt tal-proċeduri ma sar riferiment għall-artikolu 8(1) tal-Kap. 563, u għalhekk it-Tribunal ma kellux għalfejn jidħol f'din id-diskussjoni. L-appellat qal li l-Kap 563 huwa l-liġi li tirregola l-Awtorità tal-Artijiet u l-funzjonijiet u l-miżuri li jistgħu jittieħdu minnha bħala entità legali, u għalhekk l-istess Awtorità ma kellhiex tasal biex tgħid li t-Tribunal kellu jkun impedut milli jagħmel riferiment għall-istess liġi. L-appellat qal li mix-xhieda ta' Antonia Farrugia rriżulta li l-applikazzjoni tiegħu ġiet diskussa mill-Kumitat, u t-Tribunal m'għamel xejn kontra l-*vires* tiegħu meta analizza dan. L-appellat qal li mhux ġust li l-Awtorità appellanta tipprova tillimita l-poteri reviżjonali tat-Tribunal bit-tentattiv li tgħatti żball fil-portata tal-provi tagħha, billi tipprova tasserixxi li l-istess Tribunal ma kellu qatt jidħol u jsemmi l-artikolu 8(1) tal-Kap. 563, għaliex it-Tribunal huwa vestit bil-poter li jara jekk l-aġir tal-Awtorità huwiex in linea mal-*vires* tagħha. L-appellat qal li l-leġislatur għażel bis-sħiħ li jispeċifika illi t-Tribunal

għandu l-*vires* li jeżamina kemm punti ta' natura fattwali kif ukoll punti legali, bl-iskop li jiġu mħarsa l-prinċipji ta' ġustizzja naturali. L-appellat qal li t-Tribunal mhux talli kellu dritt li jippronunzja ruħu f'dak is-sens, iżda kien neċessarju li jagħmel dan, għaliex fin-nuqqas ikun qiegħed jippreġudika u jipperikola l-prinċipji regolatorji abbażi ta' liema u għas-salvagwardja ta' liema dan it-Tribunal ġie kostitwit. L-appellat qal li f'dan il-każ l-appellanta ppruvat tiddefendi l-pożizzjoni tagħha billi tgħid li proċeduralment, il-firma tal-*case officer* kienet suffiċjenti, iżda qal li din mhix tgħid ukoll li din id-deċiżjoni kienet ġiet approvata mill-Kumitat, xi ħaġa li saret mingħajr ebda delega u mingħajr firem.

17. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, l-appellat isostni li x-xhud Antonia Farrugia stess qalet fix-xhieda tagħha, li huwa kellu żewġ applikazzjonijiet, waħda fir-rigward tas-sit biswit il-ħanut u l-oħra fir-rigward tas-sit fuq in-naħa tax-xatt, u li fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-Awtorità appellanta ffukat l-aktar fuq l-applikazzjoni dwar is-sit fuq in-naħa tax-xatt. L-appellat qal li minn din ix-xhieda ħareġ ċar li minkejja li l-applikazzjoni tiegħu kienet tinkludi żewġ proposti, għal xi raġuni jew oħra l-Awtorità għażlet li tiffoka d-deliberazzjoni tagħha fuq proposta waħda biss. L-appellat qal li anki l-istess Tribunal staqsa lill-*case officer* jekk ir-raġunijiet tar-rifjut kinux fir-rigward taż-żewġ proposti, li jfisser li anki t-Tribunal irrikonoxxa l-fattur importanti li kien hemm applikazzjoni waħda b'żewġ proposti. L-appellat staqsa għal liema raġuni l-Awtorità appellanta għażlet li tikkonsidra proposta waħda u mhux l-oħra wkoll? Qal ukoll li jekk l-Awtorità appellanta kellha xi kwistjoni dwar jekk iż-żewġ

proposti tal-applikant setgħux saru f'applikazzjoni waħda, messha qajmet dan il-punt quddiem it-Tribunal u mhux f'dan l-istadju.

18. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellanta, l-appellat qal li t-Tribunal stess irrikonoxxa li fattwalment l-aġir tal-Awtorità kien insensat, u għalhekk indirettament irrikonoxxa li fil-mertu l-Awtorità tal-Artijiet hija żbaljata. L-appellat qal li anki jekk uħud mill-aggravji jiġu milqugħa minn din il-Qorti, huwa m'għandux ikun ikkundannat għall-ħlas tal-ispejjeż *in toto,* iżda semmai għandu jiġi deċiż li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

19. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji sollevati mill-Awtorità appellanta, wara li tkun qieset il-fatti kollha li wasslu għall-proċeduri odjerni, id-deċiżjoni appellata u l-pożizzjoni li ħadu ż-żewġ partijiet f'dawn il-proċeduri. L-Awtorità tal-Artijiet irrifjutat it-talba tal-appellat sabiex jingħata permess ta' *encroachment* ħalli jkun jista' jqiegħed imwejjed u siġġijiet f'sit biswit *boathouse/ħanut* mikrija lilu, kif ukoll f'sit faċċata tagħha, man-naħa tax-xatt. Ir-rifjut tal-Awtorità tal-Artijiet ġie maħruġ wara li saret konsultazzjoni ma' Transport Malta, u ġie deċiż li partikolarment rigward is-sit li jmiss max-xatt, li ser jinħoloq perikolu għall-*pedestrians* u għas-sewwieqa. It-Tribunal, wara li kkonsidra l-appell tar-rikorrent, li ħassu aggravat b'dan ir-rifjut, bid-deċiżjoni tiegħu stieden lill-Awtorità tal-Artijiet tanalizza l-applikazzjoni tal-appellat mill-ġdid, filwaqt li annulla l-ittra ta' rifjut datata 12 ta' Ġunju, 2020. L-Awtorità

appellanta ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni u għalhekk interponiet appell minnha quddiem din il-Qorti.

*L-ewwel aggravju:* *[it-Tribunal għamel konsiderazzjonijiet li ma kellux jagħmel fir-rigward tat-tielet aggravju tar-rikors promutur, filwaqt li għamel osservazzjonijiet żbaljati u apprezzament ħażin tal-fatti]*

20. L-Awtorità appellanta tgħid li filwaqt li t-Tribunal kien korrett meta qies li hija mhijiex bord ġudizzjarju u lanqas kważi-ġudizzjarju, it-Tribunal osserva wkoll kif id-deċiżjoni kienet iffirmata minn Antonia Farrugia, *case officer* mal-Awtorità, u sussegwentement għamel riferiment għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8(1) tal-Kap. 563, u dan meta l-ebda parti fil-proċeduri m'għamlet riferiment għal dan l-artikolu tal-liġi. L-Awtorità appellanta qalet li kien l-appellat li qal li d-deċiżjoni kienet proċeduralment difettuża, iżda minkejja dan l-appellat ma ġab l-ebda prova sabiex juri li din id-deċiżjoni kienet proċeduralment ivvizzjata. L-Awtorità appellanta saħqet li t-Tribunal kien żbaljat meta qal li l-Awtorità ma ppruvatx li teżisti delega lill-kumitat li ddeċieda dwar l-applikazzjoni tal-appellat, u din il-konsiderazzjoni kienet waħda żbaljata għaliex l-oneru tal-prova kien jinkombi fuq l-appellat. L-appellanta qalet li t-Tribunal kien żbaljat ukoll meta qal li hija bl-ebda mod ma ddefendiet il-pożizzjoni tagħha, u dan għaliex id-deċiżjoni tagħha ġiet iffirmata minn persuna li taġixxi f'isem l-awtorità, u għalhekk id-deċiżjoni hija waħda korretta u valida. L-appellanta qalet li l-kwistjoni dwar jekk il-*case officer* kienx qiegħed jaġixxi f'isem l-Awtorità qatt ma ġiet rilevata quddiem it-Tribunal, u għalhekk ladarba dan id-dubju qatt ma tqajjem, it-Tribunal għamel osservazzjonijiet li ma kellux

jagħmel. L-appellanta qalet li l-*case officer* spjegat ir-rapport u l-involviment tagħha fid-deċiżjoni, u ladarba dik id-deċiżjoni hija ffirmata minn uffiċjal kif trid il-liġi, dak ifisser li d-deċiżjoni hija proċeduralment valida.

21. Il-Qorti ma taqbilx mal-pożizzjoni li qiegħda tieħu l-Awtorità appellanta f'dan l-ewwel aggravju tagħha, għaliex it-Tribunal kien tenut li jiċċita mil-liġi relattiva u jara li din ġiet applikata kif suppost għaċ-ċirkostanzi tal-każ. Id-deċiżjoni kienet iffirmata mill-*case officer,* imma t-Tribunal stabbilixxa li d-deċiżjoni aħħarija ma kinitx tal-*case officer* waħedha, iżda tal-kumitat jew il-Bord li tlaqqa' apposta sabiex jiddiskuti l-applikazzjoni tal-appellat. Billi t-Tribunal għamel din l-osservazzjoni u ra li ġew osservati d-dispożizzjonijiet tal-liġi fir-rigward tal-mod kif ittieħdet id-deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni tal-appellat, ma sar xejn li huwa kontra l-liġi jew kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Anki fl-eventwalità li l-ebda wieħed mill-partijiet ma ssolleva dan il-punt proċedurali, it-Tribunal ma kienx żbaljat meta għamel riferiment għal-liġi regolatorja u għamel il-konsiderazzjonijiet tiegħu f'dan ir-rigward. Il-Qorti lanqas ma taqbel mal-pożizzjoni tal-appellat li f'dan il-każ id-deċiżjoni tal-Awtorità kienet nulla peress li kienet nieqsa mill-firem tal-membri tal-Bord, għaliex ladarba ġie stabbilit mill-provi prodotti, li l-Bord tlaqqa' u ħa d-deċiżjoni tiegħu, il-firma ta' rappreżentanta waħda tal-Awtorità, li inzertat l-istess *case officer* li tat rakkomandazzjoni biex il-permess mitlub jintlaqa', kienet suffiċjenti. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li meta tintbagħat ittra f'isem u għan-nom ta' awtorità governattiva, min jiffirma l-ittra jkun qiegħed jagħmel dan mhux f'ismu personali iżda in rappreżentanza tal-awtorità governattiva jew l-enti li tkun, u għalhekk m'hemm xejn straordinarju jew li mhux skont il-liġi fl-ittra li

rċieva l-appellat. Huwa għal dawn il-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti mhix tilqa' l-ewwel aggravju tal-Awtorità appellanta għaliex m'hemm l-ebda bażi fattwali jew legali għalfejn dan l-aggravju għandu jiġi milqugħ, u għalhekk tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[applikazzjoni waħda, deċiżjoni waħda]*

22. L-Awtorità appellanta ħasset ruħha aggravata għaliex it-Tribunal wasal għall-konklużjoni li hija m'għarfitx taqsam it-talba tal-appellat fi tnejn biex tqis kull sit fuq il-mertu tiegħu, iżda mxiet fuq ir-rakkomandazzjonijiet ta' Transport Malta, li wkoll qieset it-talba tal-appellat bħala waħda. It-Tribunal qies li minkejja li d-deċiżjoni li ngħatat hija waħda, ir-raġunijiet mogħtija mhux kollha japplikaw għaż-żewġ siti bl-istess mod. L-appellanta ħassitha aggravata b'din il-parti tad-deċiżjoni u qalet li ladarba saret applikazzjoni waħda, b'talba waħda, ma kien hemm l-ebda obbligu fuqha li taqsam l-imsemmija applikazzjoni fi tnejn u tagħti żewġ deċiżjonijiet separati għal kull waħda. Qalet li f'dan il-każ hija segwiet il-pariri mogħtija lilha minn esponenti ta' Transport Malta, li huma l-esperti fir-regolamentazzjoni tat-traffiku, u ma kellhiex għalfejn tiddubita mill-pariri mogħtija lilha f'dan ir-rigward.

23. Il-Qorti tqis illi anki mix-xhieda mogħtija minn Michael Cohen stess, in rappreżentanza ta' Transport Malta, irriżulta li jkun hemm każijiet fejn Transport Malta tkun ser toġġezzjona għal applikazzjoni li ssir, u jsiru diskussjonijiet mal-applikant sabiex dan jiġi mħeġġeġ jaqsam l-applikazzjoni tiegħu fi tnejn jew iressaq biss applikazzjoni fuq is-sit li jkun l-inqas problematiku. Fil-każ odjern jirriżulta li l-appellat applika biex jingħata permess ta' *encroachment* fuq żewġ siti, jiġifieri fuq is-sit li jiġi biswit il-ħanut tiegħu u

fuq is-sit li jmiss max-xatt. Dan ifisser li l-applikazzjoni tiegħu setgħet faċilment tinqasam fi tnejn. Mid-deċiżjoni ta' rifjut mogħtija mill-Awtorità appellanta, jirriżulta li din iffukat l-aktar fuq l-aspett tat-tfixkil għat-traffiku fir-rigward tal-permess li l-appellat talab għas-sit li jmiss mal-baħar, filwaqt li qajla tat ir-raġunijiet għalfejn il-permess għas-sit biswit il-ħanut kien ġie rrifjutat. Kien in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li t-Tribunal iddeċieda li d-deċiżjoni tal-Awtorità appellanta għandha tiġi ddikjarata nulla, u li l-applikazzjoni tal-appellat għandha tiġi ttrattata mill-ġdid mill-istess Awtorità. Il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura f'din il-parti tad-deċiżjoni, anzi hija tal-fehma li dan huwa dak li kien messu sar mill-ewwel, għaliex b'hekk kienu jiġu evitati ħafna proċeduri legali bla bżonn. Dak li xehed dwaru Michael Cohen, jiġifieri li ssir diskussjoni mal-applikant u jiġu spjegati lilu l-possibilitajiet disponibbli għalih wara li dan ikun ressaq l-applikazzjoni tiegħu, ċertament li ma jistax jintqal li sar ukoll f'dan il-każ, u għalhekk din il-Qorti qiegħda tikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal li annulla d-deċiżjoni tal-Awtorità appellanta u ordna li din terġa' tevalwa l-applikazzjoni mill-ġdid, peress li jista' jkun hemm il-possibilità li jingħata permess almenu rigward is-sit biswit il-ħanut.

*It-tielet aggravju:* *[il-kap tal-ispejjeż]*

24. Punti kardinali tad-dritt proċedurali Malti, huwa li l-parti telliefa għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż. F'dan il-każ ma jistax jintqal li xi parti 'rebħet' u l-parti l-oħra 'tilfet', iżda ċertament li ladarba d-deċiżjoni tal-Awtorità appellanta qiegħda tiġi annullata sabiex l-applikazzjoni tal-appellat tiġi ttrattata mill-ġdid,

il-Qorti hija tal-fehma li d-deċiżjoni tat-Tribunal dwar l-ispejjeż għandha tibqa' kif deċiża. Tqis għalhekk li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell imressaq mill-Awtorità appellanta billi tiċħdu, filwaqt li qiegħda tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Spejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-Awtorità appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**